**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 12 ta' Mejju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**
**(Lydon Zammit)**
**(Colin Sheldon)**

**vs**

**Reuben Galea**

**1.** Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Reuben Galea** ta' 44 sena iben Angelo u Eva nee' Hili, imwieled Mtarfa nhar il-11 ta' Gunju 1975, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 276975M u residenti gewwa Clotilde Triq Misrah il-Barrieri, Msida

Akkuzat talli:

1. fis-17 ta' Dicembru 2019 ghall-habta tas-sebgha u nofs ta' filghodu (07:30hrs) fi Triq Abate Rigord f' Ta' Xbiex, irrenda ruhu komplici meta flimkien ma' persuna ohra bil-hsieb li jaghmel delitt ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37), ghad-

dannu ta' Karolina Grima, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-ezekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta tieghu skond Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 263(b), 270 u 275 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. talli fl-1 ta' Dicembru 2019 ghall-habta ta' bejn is-siegha ta' wara nofs inhar u l-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar, minn gewwa il-Valentina Hall li jinsab fi Triq il-Kbira San Guzepp Hamrun ikkometta serq ta' wallet ghad-dannu ta' Veneranda Sammut anzjana ta' 65 sena skond Artikoli 284 u 285 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. fl-istess dati, hinijiet lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' probation order ta' Kapitolu 446 Artikolu 7 tal-Ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett snin mghotija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr. C. Galea LL.D datata 29 ta' Ottubru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel

4. fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' probation order ta' Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal terminu ta' tlett snin moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Dr G. Vella LL.D datatat 13 ta' Settembru 2019, liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

5. Fl-istess, dati, hinijiet, lok u cirkostanzi irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

**2.** Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 ta' Dicembru 2020, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

1. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-Artikoli 41(1)(a), 261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(b), 270, 275, 279(a), 280(2), 280(3) u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
3. Fl-Artikoli 284, 285 u 276A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-Artikoli 7 u 21 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-Artikoli 7 u 21 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
6. Fl-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**3.** Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li dawn il-proceduri kriminali kontrih jigu trattati u decizi kontrieh bil-procedura sommarja.

**4.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**5.** Semghet it-trattazzjoni orali tad-difiza.

**6.** Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni, u rat li minkejja li d-difiza giet moghtija l-fakolta li tipprezenta nota ta' sottissjonijiet risponsiva, hija naqset li taghmel dan fit-terminu lilha preskritt.

**Il-FATTI**

**7.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri kien s-segwenti:

1. Fis-17 ta' Dicembru 2019, ghal habta tas-7.30a.m., il-Pulizija kienu infurmat li kien hemm mara, Karolina Grima, li giet attakkata gewwa Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex.

2. Grima qalet li waqt li kienet miexja rat zewg persuni suspettuzi jharsu lejha minn naha l-ohra tat-triq. Hi baqghet miexja, izda wiehed minnhom qasam it-triq ghal fuqha, gie minn warjaha, u prova johdilha l-handbag, imma din ma telqitux. Dan il-persuna taha daqqa ta' ponn go wiccha u baqa' jissara maghha, izda, waqt il-kollutazzjoni

bejniethom kien hemm persuna ta' nazzjonalita barranija li gie jtiha l-ghajnuna, u dan il-persuna kien telaq jigri.

3. Mill-investigazzjoni li ghamlet il-Pulizija irrizulta li l-persuna li agredixxa lil Grima kien certu Daniele Aquilina, u ittehdu proceduri kriminali kontrieh. Izda minn iktar investigazzjoni, anki minn analizi tas-CCTV footages tal-area, irrizulta li ma' Daniele Aquilina kien hemm l-imputat, li joqghod fl-akwati.

4. L-imputat kien qed jigi mfittex ukoll mill-Pulizija ghaliex allegatament seraq wallet fl-1 ta' Dicembru 2019 minn gewwa l-Valentine Hall, il-Hamrun, fejn kien hemm ommu tilghab it-tombla ma' xi persuni ohra. Veneranda Sammut, anzjana li kienet qed tilghab ukoll it-tombla fis-sala, allegat li l-imputat kien idur fis-sala, u serqilha l-wallet mill-handbag.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

*L-Ewwel Imputazzjoni – Attentat ta' Serq ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur*

**8.** Fix-xhieda taghha, Karolina Grima tispjega li waqt li kienet miexja fit-triq rat zewg irgiel liebsin gakketta b'hood maghha u wicchom moghti bi scarf, li kienu mixjin fuq il-bankina tan-naha l-ohra. Wiehed minnhom qasam it-triq, u gibdilha l-handbag li kellha. Il-handbag wehel ma' idejha u l-aggressur beda jaghtiha bil-ponn fuq rasha u wiccha biex hi titlaq il-handbag. Hi bdiet tghajjat ghall-ghajnuna, u gie persuna minn hanut faccata biex jghinha, u meta l-aggresur rah, huwa harab.

**9.** Konsegwenza ta' dan l-incident, Grima garrbet diversi griehi fuq wiccha.[1]

**10.** Grima xehdet li fil-basket kellha hamsin Euro (€50) kontanti, zewg credit cards, zewg ID cards, licenzja tal-karozza, cwievet tal-ufficju u tad-dar, mobile phone, ktieb tan-noti, nuccali tax-xemx u affarijiet bazici ohra.

[1] Ara xhieda ta' Dottor Alfred Aquilina a fol. 156 u c-certifikat mediku a fol. 158 tal-process.

**11.** Mill-provi jirrizulta li l-imputat kien ir-ragel li baqa' fuq in-naha l-ohra tat-triq, u mhux ir-ragel li attakka lil Karolina Grima. Dan gie konfermat mill-imputat, kemm fl-interrogazzjoni tieghu, kif ukoll fix-xhieda li l-imputat ghazel li jghati quddiem din il-Qorti.

**12.** Fix-xhieda tieghu, l-imputat qal li kien iltaqa' ma' Daniele Aquilina ghall-ewwel darba iktar kmieni dak-in-nhar fil-ghodu xi 2.00a.m., u kien mar fir-residenza tieghu, biex jabbuzaw mid-droga. Huma hargu minn din ir-residenza xil-5.00a.m. u Aquilina qal lill-imputat li ried jaghmel hold-up, pero immedjetament wara qallu li qal hekk biex jiccajta. L-imputat jghid li iktar tard Aquilina qallu *"issa forsi nakkwista xi haga"*, u l-imputat jghid li qallu biex ma jaghmilx kummiedji.[2] Inoltre, l-imputat ma eskludiex li Aquilina seta' kellu sikkina fuqu, meta hargu.[3] Mix-xhieda tal-imputat jirrizulta li huma ghamlu madwar tal-inqas saghtejn ihufu bil-mixi fl-inhawi ta' Ta' Xbiex u l-Imsida.

**13.** L-imputat jghid li l-imgieba ta' Aquilina ma bdietx tghogbu u ghaddieh mix-xatt tal-Imsida, ghax hemm kien hemm diversi CCTV cameras imwahhlin mal-arbli, u indika dan il-fatt lil Aquilina. Jghid ukoll li hin minnhom qallu *"Jien ha noqghod bil-hoodie, xbin, ma tmurx taghmilli xi kummiedja."*[4]

**14.** L-imputat jghid li waqt li kienu mixjin ix-xatt tal-Imsida sar dan id-diskors:
*"U f'daqqa wahda qalli "Upp! Din!" Ma tajtx kas. Ra ohra, qalli, "upp!! Din!". Ghidtlu "x'inhi, up, din ?!"?. Qalli, "u din, inti ma tifhimx". Imbaghad ra ohra, dawn kienu nies sejrin ghax xoghol, nisa, qalli, "upp! Din!" qalli. Ghidtlu "inti mignun! X'inti!: ghax proprja mignun kien, peress li kien taht l-effett tad-droga, propja mignun. Qalli, "ghandha l-handbag, ara x'handbag ghandha" Ghidtlu, "int bis-serjeta jew?!" ghidtlu "ara ha mmur 'il hemm xbin". U bdejt nimxi quddiem u wasalna fejn bar, kien hemm bar, u kien hemm zewgt irgiel barra, bil-qieghda jiehdu kafe. U jien kont bil-hoodie, u l-hoodie ghamilt hekk biex nghatti wicci iktar. Ghidtlu "ara ma tmurx taghmilli xi kummiedja xbin! Jaghrafni xi hadd minn dawn minhabba fik!" Hekk kienet l-istorja. U bqajna telghin, qalli, "din ta!" Ghidlu "Mur 'il hemm!" Qabad, qasam it-triq, dar minn wara daharha hekk … … qabad il-handbag, beda jtiha l-iskoss u beda jaghmillha hekk – pumm, pumm, pumm! … … Beda jtiha qisu qed jaghti ragel."*[5]

---
[2] Ara fol. 193 tal-process.
[3] Ara fol. 206 tal-process.
[4] Ara fol. 193 tal-process.
[5] Ara fol. 193 u 194 tal-process.

**15.** Il-kliem ta' Aquilina ma seta' halla l-ebda dubbju f'mohh l-imputat li Aquilina kien bi hsiebu jisraq handbag minn fuq xi mara li kienet ghaddejja, kif effettivament ghamel. Fil-fatt l-imputat stess jghid li heba wiccu biex ma jingharafx. Mix-xhieda tal-imputat stess jirrizulta li hu baqa' jhares waqt li l-aggressjoni kienet qed tigri, u telaq biss meta Aquilina telaq jigri.[6]

**16.** Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat ma spjegax ghalfejn ma qabadx u halla lil Aquilina wahdu, u mar lejn id-dar tieghu, la darba l-komportament ta' Aquilina ma kienx qed joghgbu. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li ma setghax jehles minnu ghax Aquilina kellu sikkina fuqu: *"(H)u bis-sikkina, u jien b'xejn!"* u li din s-sikkina kienet ma qadd Aquilina, u l-hin kollu jtellahha l-fuq, u li hareg din is-sikkina meta attakka lill-mara. Pero, fl-istqarrija, l-imputat qatt ma qal li heddu biha jew qallu xi kliem ta' theddid.[7]

**17.** Quddiem din il-Qorti, l-imputat xehed li qabel hargu, Aquilina ipponta sikkina lejh u qallu biex johrog mieghu. Pero wara kompla jghid hekk: *"Rajtlu sikkina imma m'inhix cert jekk dahhalhiex gewwa jew harigha mieghu; barra ma rajthiex f'idu."* Ghalhekk, l-imputat lanqas kien cert li Aquilina kellu sikkina fuqu, u la barra ma rajhiex f'idhu, lanqas ra meta Aquilina agredixxa lil Grima, kif qal fl-istqarrija, u mill-provi ma jirrizultax li f'din l-aggressjoni intuzat xi sikkina. Grima innifisha mkien fix-xhieda taghha ma semmiet li Aquilina kellu xi sikkina. Ghalhekk ix-xhieda tal-imputat f'dawn il-proceduri m'hix konsistenti mal-verzjoni li ta waqt l-interrogatorju fuq fatti relevanti hafna.

**18.** Wara li qieset il-provi kollha, din il-Qorti hija tal-opinjoni li r-rizultanzi processwali kollha joholqu element qawwi ta' prova indizzjarja (*circumstantial evidence)* li jippuntaw kollha f'direzzjoni wahda, u cioe li l-imputat xjentement u voluntarjament kien konxju meta hareg ma' Aquilina, li Aquilina kien bi hsiebu jikkommetti reat/i ta' serq, ikun minn fejn ikun, basta jakkwista xi haga, u l-imputat tal-inqas ried ikun komplici mieghu f'dawn ir-reat/i. L-imputat stess xehed li Aquilina indikalu ghall-inqas hames persuni feminili differenti li kienu potenzjali vittmi tajbin biex jisirqulhom il-handbag. Xehed ukoll li heba wiccu taht il-hoodie biex ma jintgharafx, ghax kien qed jibza' li Aquilina iwettaq xi reat minn hin ghall-iehor. Kif diga inghad l-imputat fl-ebda hin ma iddecieda li jitlaq minn mieghu, izda baqa' mieghu ghal

[6] Ara fol. 199 tal-process.
[7] Ara fol. 69 tal-process.

tal-inqas saghtejn. Ma ngabet l-ebda prova li l-imputat kien qieghed jigi mhedded minn Aquilina. L-imputat kellu kull cans u ghazla libera, li ma ikunx parti minn dawn ir-reati, izda ghazel li jibqa' mieghu.

**19.** Huwa rilevanti hafna li meta Aquilina aggredixxa lil Grima, l-imputat ma telaqx jigri minn fuq il-post, kif wiehed kien jistenna li jaghmel, kieku kien sforzat jibqa' ma' Aquilina kontra r-rieda tieghu. Hu qaghad faccata fuq il-bankina jistenna l-ezitu tal-aggressjoni, u telaq biss meta Aquilina telaq jigri minn fuq il-post tal-aggressjoni, wara li intervenew terzi persuni. Din il-Qorti m'ghandhix dubbju li l-prezenza kontinwa tal-imputat waqt l-aggressjoni ta' Grima, kienet intiza biex issahhah il-volonta ta' Aquilina biex jikkommetti r-reat ta' serq ikkwalifikat, sakemm Aquilina kellu jiddesisti minhabba ragunijiet indipendenti u accidentali ghall-volonta tieghu.

**20.** Kif inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[8] fis-sentenza **Il-Pulizija vs Omissis – Carmelo Agius**, deciza fl-24 ta' Mejju 2002:

*"Huwa vera li l-presenza ta' persuna fuq il-post tad-delitt u waqt li jkun qed jigi kommess id-delitt tista' tammonta ghall-komplicita f'dak id-delitt kemm-il darba jkun jirrizulta li bejn dik il-persuna u l-awtur tad-delitt kien hemm il-hsieb komuni li jsir dak id-delitt, u li l-presenza ta' dik il-persuna effettivament assistiet lill-awtur, anke jekk biss moralment, biex iwettaq dak id-delitt."*

**21.** Fic-citazzjoni, l-imputat gie mixli li rrenda ruhu komplici ta' attentat ta' serq kwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix €2329.37.

**22.** Ghal xi raguni li din il-Qorti ma tistax tifhem, l-Avukat Generali, fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju, ma indikax espressament l-Artikolu 42 tal-Kodici Kriminali – u cioe li l-imputat jista' jinstab hati ta' komplici, u mhux bhala ko-awtur, u dan minkejja l-fatt li fic-citazzjoni li fuqha saret il-kompilazzjoni, l-imputat gie mixli ta' komplicita fl-ewwel imputazzjoni. Pero l-Artikolu 467(2) tal-Kodici Kriminali – rez applikabbli ghal proceduri quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bl-Artikolu 525(3) tal-Kodici Kriminali – jippreskrivi li meta ma jigix ippruvat li l-akkuzat kien l-awtur jew wiehed mill-

[8] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano

awturi tar-reat migjub fl-att tal-akkuza, izda jigi ippruvat li kien komplici, il-guri jista' jiddikjara l-akkuzat hati ta' komplicita'.

**23.** In oltre, fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza fis-7 ta' Dicembru 2001, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[9] irriteniet hekk:
*"Bhal fil-kaz tal-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat (Art. 370(3)(c)), tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor anqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat, jew bhala komplici f'dak ir-reat."*

**24.** Fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju l-Avukat Generali indika s-segwenti artikoli bhala kwalifika ghal dan l-attentat ta' serq: *"261(a)(b)(c), 262(1)(b), 263(b), 270, 275, 279(a), 280(2), 280(3) u 281 tal-Kodici Kriminali".*

**25.** L-Artikolu 261(a)(b) u (c) jirriferu ghal serq ikkwalifikat bil-vjolenza, mezz u valur.

**26.** L-Artikolu 262(1)(b) jippreskrivi illi s-serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza *"meta l-ħalliel jippreżenta ruħu armat, jew meta l-ħallelin, għad li ma jkunux armati, jippreżentaw ruħhom iżjed minn tnejn."* Mill-provi prodotti f'dawn il-proceduri ma jirrizultax li Aquilina ipprezenta ruhu lil Grima armat, u l-hallelin ma kienux izjed minn tnejn. Ghaldaqstant, mill-provi ma jirrizultax li dan l-attentat ta' serq kien ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 262(1)(b).

**27.** Mill-provi jirrizulta li dan l-attentat ta' serq sar flimkien ma' offiza fuq il-persuna ta' Karolina Grima, u ghalhekk huwa kwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 262(1)(a) tal-Kodici Kriminali. Pero ghal xi raguni ohra inkomprensibbli ghal din il-Qorti, dan il-paragrafu (a) tal-Artikolu 262(1) ma giex indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju. L-inkomprensoni ta' din il-Qorti tkompli tikber meta tikkunsidra li fin-nota tar-rinviju ghal gudizzju l-Avukat Generali deherlu li kellu jelenka wkoll l-Artikolu 275 tal-Kodici Kriminali, li jippeskrivi l-piena ghal serq flimkien ma' sekwestru tal-persuna, li jikkwalifka bhala serq bi vjolenza taht l-Artikolu 261(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

[9] *Per* Imhallef Vincent De Gaetano.

**28.** Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Michael Carter** fuq citata, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Meta, invece, ir-rinviju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) tal-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-anqas reat wiehed, fost dawk imputati, li huwa ta' kompetenza tal-Qorti Kriminali), in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. … … Issa, fil-kaz in dizamina, l-Avukat Generali rrinvija mhux skond l-Artikolu 433(5) izda skond l-Artikolu 370(3); ghalhekk ma jistax jippretendi li l-Qorti Inferjuri setghet issib lill-appellat hati ta' xi reat iehor, salv, naturalment, dak li ghadu kif inghad dwar it-tentattiv, ir-reat anqas gravi izda kompriz u involut, u l-komplicita`."*

Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati ta' komplicita f'serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-Artikolu 262(1)(a), la darba dan l-Artikolu ma giex elenkat fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju.

**29.** L-Artikolu 263(b) tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:

*"Is-serq huwa ikkwalifikat bil-"mezz" –*

… …

*(b) meta l-ħalliel … … jilbes maskra jew għata oħra tal-wiċċ … …"*

**30.** Mill-provi jirrizulta ampjament li kemm l-imputat kif ukoll Aquilina ghattew wicchom b'hoodie u scarf.

**31.** Mix-xhieda tal-vittma Karolina Grima, kif fuq citata, jirrizulta li fil-basket kellha affarijiet li l-ammont globali taghhom jeccedi il-mitt Euro (€100), apparti ovvjament il-valur tal-basket innifsu. Ghalhekk dan l-attentat ta' serq huwa ikkwalifikat bil-valur. Pero mill-provi ma jirrizultax li l-affarijiet in kwistjoni kellhom valur ta' iktar minn €2329.37).

**32.** Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali jghid li tista' tinstab htija ukoll taht l-Artikolu 270 tal-Kodici Kriminali, li jippreskrivi meta s-serq hu ikkwalifikat bil-hin, u cioe bejn inzul u tlugh ix-xemx. Pero l-ewwel imputazzjoni fic-citazzjoni ma ssemmix li s-serq kien ikkwalifikat ukoll bil-hin. Ghalkemm huwa vera li wara l-ewwel imputazzjoni hemm inizzlin l-Artikoli tal-Kodici Kriminali li l-Prosekuzzjoni deherilha li huma relevanti, fosthom l-Artikolu 270, dan certament mhux mehtieg skond il-ligi, u ma hux bizzejjed biex l-ewwel imputazzjoni ghandha tinqara fis-sens li l-attentat ta' serq kien ikkwalifikat ukoll bil-hin. Kif

diga intqal, huwa assodat fil-kazistika tal-Qrati taghna, li fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni.[10] Konsegwentement, l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' komplicita f'serq ikkwalifikat ukoll bil-hin.

**33.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni limitatament bhala komplici f'attentat ta' serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix €2379.37.

*It-Tieni Imputazzjoni – Serq Semplici ghad-dannu ta' anzjana*

**34.** Fit-tieni imputazzjoni, l-imputat gie mixli li f'gurnata differenti huwa seraq wallet ghad-dannu ta' Veneranda Sammut. Mill-provi jirrizulta li Veneranda Sammut kienet qieghda go sala tilghab it-tombla flimkien ma' numru ta' nies ohra, fosthom omm l-imputat Eva Galea.

**35.** Veneranda Sammut xehdet li waqt li qeghdin jilghabu t-tombla dahal ragel li beda jippassigga, u n-nies bdew jghidulu biex ma joqghodx fin-nofs ghax ma setghux jaraw il-board bin-numri. Huwa dahal wara siggu vojt li kien hemm hdejha, u fuq dan is-siggu Sammut kellha l-handbag. Sammut tghid li hi hasset is-siggu jiccaqlaq ftit, u meta daret rat lil dan ir-ragel jiehu l-wallet u jahrab. Hi bdiet tigri warajh u ma lahqitux. Xi nies qalulha li dan ir-ragel kien it-tifel ta' Eva Galea, li kienet kienet ukoll tmur tilghab it-tombla f'dan is-sala.

**36.** Din ix-xhieda ta' Sammut hija korroborata bix-xhieda ta' Maria Carmela Tanti, li wkoll kienet qed tilghab it-tombla maghha.

**37.** Sammut xehdet li fil-wallet kellha €150 fi flus kontanti, il-karta tal-identita, zewg credit cards, u zewg cards biex tigbed il-flus mill-bank. Il-wallet kien jiswa €40.00.

**38.** Meta Sammut marret taghmel rapport tal-incident l-Ghassa tal-Pulizija, il-Pulizija tellghulha ritratt ta' mara fuq il-computer, li hi gharfet bhala Eva, li kienet qed tilghab it-tombla

---

[10] Ara **Il-Pulizija vs Michael Carter** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri) (*per* Imhallef Vincent De Gaetano) fis-7 ta' Dicembru 2001.

maghha. Waqt ix-xhieda taghha, Sammut ma gharfitx lill-imputat bhala r-ragel li kien serqilha l-wallet, u qalet li hi rat lil dan ir-ragel ghal ftit sekondi biss mill-genb.

**39.** Fix-xhieda tieghu, l-imputat ammetta li hu kien mar il-Valentine Hall ikellem lil ommu waqt li din kienet qed tilghab it-tombla. Hu xehed li mar jitlobha xi haga, u hi ma riditx ittih, ha kafe minn hemm, u telaq il-barra. Hu cahad li ha xi haga mis-sala.

**40.** Fl-opinjoni tal-Qorti, il-verzjoni tal-imputat m'hix kredibbli. Jekk kif qed jghid hu, kellu bzonn jitlob xi haga lil ommu tant urgenti, li mar fis-sala waqt li din qieghda ghal mistrieh mal-hbieb taghha tilghab it-tombla, u din irrifjutat li tathielu, ma kien hemm l-ebda raguni valida – u l-imputat lanqas ghamel attentat biex jaghti wahda – ghalfejn l-imputat kellu jiehu kafe fis-sala u joqghod idur mal-imwejjed. Din il-Qorti hija konvinta lill'hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni, li l-unika raguni ghalfejn l-imputat baqa' fis-sala kien sabiex jara jirnexxielux jisraq xi flus jew wallet, stante li kif ammetta hu stess fix-xhieda tieghu huwa tossikodipendenti.

**41.** Mix-xhieda mhux kontradetta ta' Veneranda Zammit jirrizulta ampjament li dan is-serq hu ikkwalifikat bil-valur li ma jeccedix €2329.37. Pero ghal xi raguni inkomprensibbli, fic-citazzjoni, l-imputat ma giex mixli b'serq ikkwalifikat bil-valur fit-tieni imputazzjoni, izda gie mixli biss b'serq semplici.

**42.** Iktar inkomprensibbli ghal din il-Qorti huwa l-fatt li fin-nota tar-rinviju, l-Avukat Generali deherlu li tista' tinstab htija wkoll taht l-Artikolu 276A tal-Kodici Kriminali, li jikkontempla zieda fil-piena f'kaz ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza ai termini tal-istess Kodici, meta dik il-vjolenza tkun diretta *inter alia* lejn persuna li ghalqet l-eta ta' sittin (60) sena. Issa huwa vera li fic-citazzjoni, l-imputat gie mixli li ikkommetta dan ir-reat ghad-dannu ta' anzjana ta' hamsa u sittin (65) sena, u dan jirrizulta mill-provi.[11] Pero kif diga inghad, fir-rigward ta' dan ir-reat, l-imputat gie mixli biss b'serq semplici, u t-tieni imputazzjoni imkien ma issemmi li dan is-serq kien kwalifikat bil-vjolenza. In oltre, fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) tal-Kodici Kriminali ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni. Konsegwentement, l-imputat ma jistghax jinstab hati ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza kontra anzjana – apparti li dan bl-ebda mod ma jirrizulta mill-provi.

[11] Ara c-certifikat tat-twelid ta' Veneranda Zammit a fol. 41 tal-process.

**43.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tat-tieni imputazzjoni ta' serq semplici.

*It-Tielet u r-Raba' Imputazzjonijiet – Ksur ta' Ordnijiet ta' Probation*

**44.** It-tielet imputazzjoni hi li l-imputat kiser l-ordni ta' probation imposta fuqu b'sentenza ta' din il-Qorti, ippreseduta mill-magistrat Dr Charmaine Galea, fid-29 ta' Ottubru 2019.

**45.** B'sentenza tal-1 ta' Dicembru 2020, deciza minn din il-Qorti, kif preseduta,[12] din il-Qorti sabet lill-imputat hati *inter alia* li kiser din l-ordni ta' Probation u ttrattat mieghu ghal dan il-ksur. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax terga' titratta mieghu ghal ksur ta' din l-ordni ta' probation f'dawn il-proceduri.

**46.** Fir-raba' imputazzjoni, l-imputat hu mixli li kiser ordni ta' probation impostha fuqu b'sentenza tat-13 ta' Settembru 2019, moghtija minn din il-Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr Gabriella Vella. B'sentenza tat-12 ta' Novembru 2019,[13] moghtija minn din il-Qorti, preseduta ukoll mill-Magistrat Dr Gabriella Vella, il-Qorti sabet lill-imputat hati li kiser din l-ordni ta' probation, u ttrattat mieghu ghal dan il-ksur. Konsegwentement, din il-Qorti ma tistax terga' tittratta mal-hati ghall-ksur ta' din l-ordni ta' probation.

**47.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

*Il-Hames Imputazzjoni – Recidiva*

**48.** Fl-ahharnett, l-imputat gie mixli li rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

---

[12] Ara fol. 174 *et seq.* tal-process.
[13] Ara fol. 92 *et seq.* tal-process.

**49.** Din l-imputazzjoni tirrizulta debitament ippruvata biz-zewg sentenzi ezebiti mill-Prosekuzzjoni, u cioe dik tad-29 ta' Ottubru 2019 u dik tat-13 ta' Settembru 2019, it-tnejn moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta, u li ghalihom saret riferenza aktar il-fuq. Dawn iz-zewg sentenzi sabu lill-imputat hati ta' serq – l-ewwel wahda ta' serq ikkwalifikat bil-hin, u t-tieni wahda ta' serq semplici.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

**50.** Fl-ikkalibrar tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni il-fedina raffrettarja tal-imputat. Huwa ghandu xejn inqas minn seba' u ghoxrin (27) kundanna minn dawn il-Qrati: disa' (9) kundanni relatati ma' ksur tal-ligijiet tas-sewqan, disa' (9) kundanni relatati ma' ksur tal-ligijiet rigwardanti xufiera tat-trasport pubbliku, zewg (2) kundanni ghal serq ikkwalifikat, kundanna ghal attentat ta' serq ikkwalifikat, kundanna ghal serq semplici, kundanna ghal pussess semplici tad-droga, kundanna ghal ksur tal-ligijiet dwar l-immigrazzjoni, kundanna ta' korruzzjoni ta' zewg minorenni, kundanna ghal ksur ta' ordni ta' probation u kundanna ghal ksur ta' bail.

**51.** L-imputat inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu, fosthom ordni ta' liberta kondizzjonata, zewg sentenzi sospizi, u tlett ordnijiet ta' probation. L-ahhar zewg ordnijiet ta' probation gew miksura mill-imputat kif inghad iktar il-fuq f'din is-sentenza.

**52.** L-imputat stess jammetti li ghandu problema ta' tossikodipendenza, pero jidher car li l-imputat m'ghandux hajra jindirizza din il-problema u jirriabilita ruhu.

**53.** Il-Qorti tirriferi ghall-kunsiderazzjonijiet taghha fis-sentenza taghha tal-1 ta' Dicembru 2020, fejn l-imputat kien mixli bi ksur tal-bail moghti f'dawn il-proceduri, u ksur ta' ordni ta' Probation. F'dawn il-proceduri, din il-Qorti semghet ix-xhieda ta' l-ufficjal tal-Probation Marilyn Attard, li hi ilha issegwi lill-imputat mit-13 ta' Settembru 2019.

> *"**14.** L-Ufficjal tal-Probation xehdet li l-imputat ghandu problema akuta ta' tossikodipendenza, specjalment fuq id-droga kokaina. Izda minkejja li inghata dawn iz-zewg ordnijiet ta' probation, l-imputat ma wera l-ebda motivazzjoni li jirriforma ruhu, u*

*minkejja li thejjewlu diversi pjanijiet mal-Agenzija Caritas sabiex jibda programm ta' riabilitazzjoni, huwa injorahom kollha.*

***15.** L-Ufficjal tal-Probation kienet tal-opinjoni li l-imputat mhux kapaci jindirizza l-problemi li ghandu jekk ma jkunx f'post ikkontrollat. Hija qalet li meta hu kien qed jiskonta piena ta' prigunerija, huwa ikkopera u mexa tajjeb, u anke wara li hareg mill-habs baqa' fuq it-triq it-tajba, izda imbaghad rega' waqa' ghal vizzju tad-droga. Bhalissa huwa kien qed jghix hajja kaotika hafna, u hija qalet li l-ahhar darba li kien qed jghix hajja daqshekk kaotika spicca qala' tir ta' arma tan-nar. Ghalhekk hija qalet li fil-prezent jekk l-imputat ma jinzammx detenut, huwa ta' periklu ghalih innifsu u ghas-socjeta.*

***16.** L-Ufficjal tal-Probation kienet tal-fehma li l-unika mod kif l-imputat seta' jirriabilita ruhu kien billi jaghmel programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga mill-habs stess."*[14]

**54.** Ghalkemm din is-sentenza inghatat fl-1 ta' Dicembru 2020, u fiha l-imputat gie ikkundannat perjodu ta' prigunerija effettiva, id-difiza ma ressqet l-ebda prova li f'dan it-trapass ta' zmien, l-imputat ghamel xi tentattiv jew wera xi interess biex jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-habs stess. Din il-Qorti ma tistax ma tharisx b'lenti severa lejn min, minkejja li jinghata diversi opportunitajiet biex jirriforma ruhu, jibqa' jippersisti fit-triq tal-kriminalita.

**55.** Il-piena li trid tigi erogata f'dawn il-proceduri huwa ghar-reati ta' komplicita f'attentat ta' serq kwalifikat bil-mezz u bil-valur, serq semplici u recidiva.

**56.** Ai termini tal-Artikolu 278(2) tal-Kodici Kriminali is-serq ikkwalifikat bil-mezz u bil-valur huwa soggett ghal piena ta' hames (5) xhur sa tlett (3) snin prigunerija, li m'ghandhix tinghata fil-minimum taghha. L-Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali jippreskivi illi *"Meta l-liġi tiddisponi espressament li piena m'għandhiex tingħata fil-minimum, il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum."*

[14] Ara fol. 175-176 tal-process.

**57.** Ir-riduzzjoni fil-piena ta' bi grad jew tnejn f'kaz ta' tentattiv ta' reat taht l-Artikolu 41(1)(a) tal-Kodici Kriminali, huwa fil-kaz odjern newtralizzat bil-fatt li l-imputat instab li hu hati ta' recidiva kemm taht l-Artikolu 49 u 50, izda wkoll taht l-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali, u ghalhekk il-piena tista' tizdied anke bi tlett gradi, ghaliex gie ppruvat li dan hu t-tielet reat ta' serq tal-imputat. Pero, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li jkun idoneju li ghal fini tar-recidiva, il-piena tizdied b'zewg gradi biss.

**58.** L-imputat instab hati wkoll ta' serq semplici, li ghalih hemm piena ta' bejn xahar u sitt xhur prigunerija, pero dan il-perjodu ta' prigunerija irid jigi ridott, tenut kont tar-regoli tal-konkors tar-reati ai termini tal-Artikolu 17(b) tal-Kodici Kriminali.

**59.** Il-Qorti ma tarax li huwa l-kaz li torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu innifsu sabiex tipprovdi ghas-sigurta taz-zewg vittmi f'dawn iz-zewg serqiet, ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali, u dan ghaliex l-imputat ikkommetta dawn ir-reati mhux ghaliex hemm xi animosita bejnu u bejn il-vittmi, imma ghax hu ghandu l-vizzju tad-droga, u dawn il-persuni inzertaw kienu fil-post il-hazin fil-hin il-hazin.

**Konkluzjoni**

**60.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-ligi elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-21 ta' Dicembru 2020:

1. Tastjeni milli tieghu konjizzjoni tar-reati kontemplati fl-Artikoli 7 u 21 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-konfront tat-tielet u r-raba' imputazzjonijiet fic-citazzjoni.

2. Issib lill-imputat mhux hati tar-reati kontemplati fl-Artikoli 261(a), 262(1)(b), 270 u 276A tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema artikoli huma elenkati fin-nota ta' rinviju ghall-gudiziju tal-Avukat Generali fuq imsemmija, u qed tilliberah minnhom.

3. Wara li rat l-Artikoli 41(1)(a), 42(e), 261(b) u (c), 263(b), 278(1) u (3), 279(a), 280(2), 20, 284, 285, 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib

lill-imputat hati tar-reati fihom ikkontemplati, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta' sentejn u nofs, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat, u b'dan li ma ghandux jitnaqqas xi zmien li fih hu kien qed jiskonta xi sentenza ohra ta' prigunerija.

4. Inoltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jikkomunika minnufih lill-hati l-ammont hekk dovut. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu malli issir il-komunika lilu mir-Registratur, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**